# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**AVV. DR. ILONA SCHEMBRI**
**LL.B., LL.D., LL.M. (Lond.), Ph.D. (Birm.)**

**Udjenza tal-10 ta' Marzu 2025**

**Talba nru. 375/2023 IS**

**ERREMME BUSINESS ADVISORS LIMITED (C 30153)**

***VERSUS***

**ALBERTO BASSU (I.D. 180421 (A))**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviż tat-Talba ippreżentat fit-13 ta' Ottubru 2023 (a fol. 2 et seq), is-soċjeta' attriċi talbet l-ammont ta' ħames mitt Ewro (Eur 500.00) rappreżentanti bilanċ mhux imħallas minn ammont dovut bħala prezz ta' servizzi mogħtija mis-soċjeta' attriċi lill-konvenut fuq istruzzjonijiet tal-konvenut stess, bl-ispejjeż u bl-imgħax mid-data tal-preżentata tal-preżenti talba sad-data tal-pagament effettiv.

Ra illi l-konvenut ġie notifikat b'din it-talba fil-25 ta' Novembru 2023 (a fol. 11).

Ra illi l-konvenut ippreżenta ir-risposta tiegħu fit-18 ta' Jannar 2024 (a fol. 13).

Ra illi fit-28 ta' Frar 2024, is-soċjeta' attriċi għalqet il-provi kollha tagħha (a fol. 17).

Ra illi il-konvenut ingħata diversi opportunitajiet sabiex jippreżenta l-provi tiegħu b'dan illi naqas milli jagħmel dan u t-Tribunal għalaq il-provi kollha tal-konvenut fit-12 ta' Frar 2025 (a fol. 64).

Ra illi l-provi kollha tal-partijiet kienu magħluqa fit-12 ta' Frar 2025 (a fol. 64).

Ra illi ġew ippreżentati diversi affidavits u xehdu diversi nies.

Ra l-atti proċesswali.

Ra illi din il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidra

Dan it-Tribunal irid jiddiskuti l-kontumaċja tal-konvenut u anke l-evidenza ippreżentata mis-soċjeta' attriċi sabiex ikun jista' jikkonkludi jekk it-talba tas-soċjeta' attriċi tistax tkun milqugħa jew le, u dan fuq bażi ta' probabbilita' hekk kif titlob il-Liġi fil-kamp ċivili.

Il-Kontumaċja tal-Konvenut

Hekk kif għadu ġie rrimarkat hawn fuq, jidher mill-proċess illi l-konvenut ġie debitament notifikat b'din it-talba fil-25 ta' Novembru 2023 (a fol. 11) u ppreżenta ir-risposta tiegħu fit-18 ta' Jannar 2024 (a fol. 13).

It-Tribunal jinnota illi Artikolu 4 (1) tal-leġislazzjoni sussidjarja 380.01 jipprovdi illi l-konvenut kellu jippreżenta ir-risposta tiegħu fi żmien tmintax-il jum mid-data tan-notifika, u b'dan illi l-konvenut naqas milli jagħmel dan f'dan il-każ.

Biss pero', it-Tribunal jinnota illi l-elementi neċessarji sabiex ikun hemm kontumaċja ġew stabbiliti mill-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet ***Costantino Abela vs George Azzopardi*** deċiża fit-28 ta' Mejju, 1990, fejn il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi: "*Il-kontumaċja trid tkun kemm formali kif ukoll sostanzjali; l-assenza trid tkun kemm fl-atti kif ukoll fl-udjenza.*"

Għaldaqstant, f´dan il-każ, hu ċar mill-proċess illi l-konvenut ma kien qatt fi stat ta' kontumaċja u dan it-Tribunal jinnota wkoll illi tali punt legali qatt ma tressaq mis-soċjeta' attriċi tul dawn l-imsemmija proċeduri.

Anqas li kieku l-konvenut kien kontumaċi, it-Tribunal josserva illi l-kontumaċja waħedha ma titqiesx bħala ammissjoni tat-talba tas-socjeta´ attriċi da parti l-konvenut iżda kontestazzjoni ta' l-istess. Għalkemm il-konvenut ikun baqa' kontumaċi, dan ma jfissirx li huwa jkun abbanduna kull eċċezzjoni li seta' jagħmel fil-kawża u ammetta id-domandi. F'każ ta' kontumaċja jibqa' l-oneru fuq is-soċjeta´ attriċi li tressaq provi sal-grad ta' probabbilità u li tressaq l-aħjar prova. Il-ġudikant għandu jeżamina jekk it-talba hijiex

ġustifikata independentement mill-kontumaċja tal-konvenut (ara ***Fenici Insurance Agency Limited noe vs. Paul Stoner et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell [Inferjuri] fit-22 ta' Novembru 2002). L-istess intqal fis-sentenza ***Blye Engineering Co. Ltd vs. Philip Borg Bellanti et*** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit- 22 ta' Ġunju 2005:

> "*huwa wkoll principju ben stabbilit illi ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dan ma kellux jinftiehem bhala li hu abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domanda. Sta ghall-gudikant li jezamina jekk it-talba hix gustifikata, indipendentement mill-kontumacja tal-konvenut*. Vide Kollez. Vol. XXIX P III p 35"

Inoltre´, fis-sentenza fl-ismijiet ***Joseph Edmond sive Jesmond Meilaq vs. Brian Mizzi et noe***, deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fis-27 ta' Marzu 1996 ingħad:

> "*Illi fl-ahharnett irid jinghad illi skond il-gurisprudenza tal-Qrati taghna, il-konvenut li jibqa' kontumaci, bhal kaz odjern, ma jitqiesx li ammetta ttalba ta' l-attur, izda jitqies li jkun irrimetta ruhu ghall-gudizzju tal-Qorti. Dana ma jfissirx pero' li l-Qorti tista' tqajjem hija stess ex officio kwalunkwe eccezzjoni li l-konvenut seta' jqajjem kieku kkontesta l-kawza billi kif gie ritenut fis-sentenza ta' l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re Hammet vs Genovese moghtija fil-31 ta' Jannar 1991:*
>
> "*Il-Qorti m'ghandhiex tissolleva eccezzjoniiet li mhiex awtorizzata espressament mill-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili jew minn konsiderazzjonijiet ta' ordni Pubblika. Ghaliex altrimenti tinholoq sitwazzjoni fejn il-Qorti tiddeciedi fuq eccezzjoni taghha stess haga li mhix rakkomandabbli billi tinvolvi vjolazzjoni ta' principju kardinali tas-smiegh xieraq tal-kawza;*""

L-istitut tal-kontumaċja hu intiż biss sabiex irażżan l-atteġġjament tal-kontumaċja u disprezz da parti ta' min ġie ċitat biex jersaq quddiem l-Onorabbli Qorti jew Tribunal (ara **Kummissarju tal-Artijiet vs. John Curmi** deċiża mill-Prim' Awla fil-31 ta' Jannar 2003).

<u>L-Azzjoni tas-Soċjeta' Attriċi</u>

Is-soċjeta' attriċi ikkontendiet fl-avviż tat-talba (a fol. 2 et seq) illi hija pprestat servizzi lill-konvenut fuq istruzzjonijiet tal-konvenut stess.

Min-naħa tiegħu, il-konvenut, fir-risposta tiegħu, ma nnegax li irċieva servizzi mis-soċjeta' attriċi fuq istruzzjonijiet tiegħu stess, iżda eċċepixxa illi hu m'għandu ebda kont pendenti mas-soċjeta' attriċi u li anke jekk hemm xi kont pendenti, dan l-ammont mitlub mis-soċjeta' attriċi tal- ħames mitt Ewro (Eur 500) huwa eċċessiv.

Dan it-Tribunal jibda sabiex jaċċenna illi l-Artikoli 558 sa 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jirregolaw bis-sħiħ kif il-partijiet fil-kawża għandhom iressqu l-provi tagħhom.

Dan it-Tribunal jirrileva illi l-applikazzjoni tal-Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma jistax ikun injorat mis-soċjeta' attriċi, u liema Artikolu jipprovdi illi "*Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra tal-liġi, l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah.*" Dan it-Tribunal jagħraf ukoll l-applikazzjoni tal-Artikolu 559 tal-Imsemmi Kodiċi illi jipprovdi illi "*Il-qorti għandha fil-każijiet kollha tordna li ssirilha l-aħjar prova li l-parti tista' ġġib.*" Tali Artikolu kien hekk diskuss mill-Qorti diversement presjeduta fejn il-Qorti diversement presjeduta irriteniet diversi drabi, fosthom fis-sentenza ***Anthony Xerri (K.I. nru. 209398M) ('ir-rikorrent') vs. Claudette Spencer (K.I. nru. 307378M) u Domnic Spencer (K.I. nru. 443400L) ('l-intimati')***[1] illi "*mad-daqqa t'għajn għalhekk huwa ċar illi l-obbligu li għandu parti f'kawża mhuwiex illi jġib l-aqwa prova iżda li jġib l-aqwa prova **li jista' jġib**.*" L-istess qal it-Tribunal diversement presjedut fejn fis-sentenza ***DANIEL ZAMMIT VERSUS ROCCO BARTOLUCCIO***[2] ikkonkluda illi "*dak li hu importanti ghal-legislatur Malti huwa li l-prova (testimonjali u/jew dokumentarja) tkun wahda rilevanti ghall-kaz trattat u li l-istess tkun l-ahjar wahda li l-parti tista' toffri jew tressaq.*" B'dan illi tali Artikolu pero' ma jistax jinftiehem illi t-Tribunal irid jidderiġi lill-partijiet xi provi jressqu għaliex tali kompitu huwa biss tal-partijiet tal-kawża għaliex inkella it-Tribunal ikun qed iżomm ma' parti jew oħra inġustament u b'dan illi dan it-Tribunal jista' biss imbagħad iħares lejn tali provi mingħajr ma jippreġudika d-dritt ta' xi parti jew oħra.

F'dan il-każ, it-Tribunal seta' jara li s-soċjeta' attriċi ippreżentat żewġ *invoices* li jinsabu a fol. 4 u 5, u liema *invoices* jinsabu f'*invoice* waħda li tinsab a fol. 3. It-Tribunal innota illi dawn l-*invoices* huma maħruġa f'isem is-soċjeta' f'isem kollettiv li jidher li s-soċjeta' attriċi ħolqot għan-nom tal-konvenut u ibnu. Iżda, it-Tribunal seta' jara wkoll illi l-*invoices* għandhom isem differenti tas-soċjeta' f'isem kollettiv minn dik indikata fuq l-att tas-soċjeta' innifsu (a fol. 20). Ukoll, it-Tribunal ra illi filwaqt li l-att tas-soċjeta' isemmi biss

[1] 18 ta' Settembru 2024, Qorti tal-Appell, Ref.: 39/2021
[2] 3 ta' Frar 2020, Tribunal Ghal Talbiet Żgħar, Ref.: 80/2019

soċji ġenerali u bl-ebda mod ma jsemmi soċji akkomandanti, l-att tas-soċjeta' jgħid illi din hija soċjeta' limitata.

F'dan id-dawl, it-Tribunal jirrileva illi Artikolu 4 (4) tal-Att Dwar il-Kumpanniji, Kap. 386 tal-Liġijiet ta' Malta, jipprovdi illi "*Soċjetà kummerċjali għandha personalità ġuridika distinta minn dik tal-membru jew tal-membri tagħha, u l-imsemmijapersonalità ġuridika tibqa' sseħħ sakemm l-isem tas-soċjetà kummerċjali ma jiġix imħassar mir-reġistru, u b'hekk is-soċjetà kummerċjali tieqaf teżisti*." Għaldaqstant, seta' jidher *prima facie*, li din it-talba kellha ssir kontra s-soċjeta' innifisha li fiha huwa soċju l-konvenut mhux kontra l-konvenut innifsu.

Iżda, mir-reġistrazzjoni tas-soċjeta' kummerċjali jidher li din is-soċjeta' hija distinta minn dak hawn provdut ai fini ta' taxxa (a fol. 25). Huwa wkoll ċar mill-korrispondenza illi kellu Reuben Buttigieg għan-nom tas-soċjeta' attriċi mal-konvenut (a fol. 29 sa 31) illi l-konvenut talab is-servizzi tas-soċjeta' attriċi f'ismu proprju għaliex is-soċjeta' li l-konvenut xtaq li tkun formanti, ma kinitx hekk għadha formanti fejn fil-fatt huwa talab diversi servizzi biss biss fi Frar tas-sena 2022 meta s-soċjeta' kienet formanti fis-6 ta' Marzu 2022 (a fol. 24). Għaldaqstant, dan it-Tribunal qed jilqa' t-talba kontra l-konvenut.

Fir-rigward tal-ammont dovut, it-Tribunal seta' jara li l-*invoice* li tinsab a fol. 3 hija spjegata minnha nnifisha.

Fir-rigward tal-*invoice* li tinsab a fol. 4, it-Tribunal seta' jinnota illi hemm biss miktub *administrative fee*. Biss pero', it-Tribunal ħares lejn il-korrispondenza li kien hemm bejn Reuben Buttigieg għan-nom tas-soċjeta' attriċi mal-konvenut (a fol. 30) fejn, fost oħrajn, il-konvenut talab l-assistenza dwar persuna li possibilment setgħet tkun impjegata mas-soċjeta' attriċi illi seħħet f'Mejju tas-sena 2022. It-Tribunal ħares ukoll lejn ix-xhieda ta' Reuben Buttigieg datata 5 ta' Ġunju 2024 fejn spjega illi din l-*invoice* hija dwar dawk is-siegħat illi jkunu ingħataw lill-konvenut oltre' dak indikat fuq l-*invoice* li tinsab a fol. 3, liema parti mix-xhieda tinsab a fol. 47 u 48.

Għaldaqstant, fid-dawl ta' tali ġurisprudenza u evidenza, dan it-Tribunal jikkonkludi li seta' jasal għal konklużjoni fuq bażi ta' probabbilita' illi s-soċjeta' attriċi verament ipprestat is-servizzi kollha indikati minnha fuq l-*invoices* hawn fuq imsemmija lill-konvenut fuq istruzzjonijiet tiegħu stess.

Fir-rigward tal-ħlas ta' dawn l-imsemmija *invoices*, it-Tribunal seta' jara illi l-*invoice* li tinsab a fol. 3 hija datata 25/05/2022 fejn jidher ċar illi fid-19 ta' Lulju 2022 il-konvenut ikkorresponda ma' Edward-Hector Spiteri li kien ser iħallas dak l-ammont lis-soċjeta' attriċi (a fol. 26) u ukoll informa lil Reuben Buttigieg f'Awwissu 2022 li kien ser iħallas lis-soċjeta' attriċi dan l-imsemmi ammont (a fol. 30).

Fir-rigward tal-*invoice* li tinsab a fol. 4, it-Tribunal ra illi hija datata 03/10/2022, u ċioe' wara li l-konvenut kien aċċetta li jħallas l-ammont ta' tliet mija u erbgħa u ħamsin Ewro (Eur 354) lis-soċjeta' attriċi. Fil-fatt, fuq bażi ta' probabbilita', it-Tribunal jikkonkludi illi mill-korrispondenza li kien hemm bejn Reuben Buttigieg għan-nom tas-soċjeta' attriċi u l-konvenut, din it-tieni *invoice* intbagħtet lill-konvenut fit-9 ta' Ottubru 2022 (a fol. 30) u dan għaliex din id-data hija verament viċin id-data tal-*invoice* li tinsab a fol. 4 u kien biss wara dan il-messaġġ li l-konvenut staqsa għaliex is-soċjeta' attriċi issa kienet qed titlob l-ammont ta' ħames mitt Ewro (Eur 500) (a fol. 30 u 31). Iżda, kif seta' jinnota t-Tribunal u kif analizza hawn fuq, jidher ċar mill-korrispondenza bejn Reuben Buttigieg għan-nom tas-soċjeta' attriċi u l-konvenut illi kien hemm xogħol ieħor li sar mis-soċjeta' attriċi għall-konvenut meta lanqas biss kienet għadha ħarġet *invoice* waħda is-soċjeta' attriċi, u liema xogħol ukoll ma ġiex rifless fl-*invoice* li tinsab a fol. 3.

Għaldaqstant, fuq bażi tal-probabbilita', dan it-Tribunal jikkonkludi illi l-konvenut huwa debitur tas-soċjeta' attriċi għall-ammont ta' ħames mitt Ewro (Eur 500).

Dan it-Tribunal jirrileva wkoll illi tali konklużjoni qiegħda issir ai termini tal-Artikolu 9 (1) tal-Att Dwar Tribunal Għal Talbiet Żgħar, Kap. 380 tal-Liġijiet ta' Malta, *stante* illi filwaqt illi tali artikolu jħaddan il-prinċipju tal-ġustizzja naturali, pero' huwa ferm importanti illi jżomm f'moħħu "*Illi jsegwi illi filwaqt li l-formaliżmu eċċessiv għandu jiġi evitat f' dawn il-proċeduri ta' natura sommarja, ma jistax ikun dubitat illi l-osservanza tar-regoli tal-proċedura hi meħtieġa biex jiġi assigurat l-ordni fil-kondotta tal-kawża u r-regolarità tagħha.*"[3]

Imgħax

Fir-rigward ta' dan l-ammont dovut mill-konvenut lis-soċjeta' attriċi, is-soċjeta' attriċi qed titlob l-imgħax. F'dan ir-rigward, it-Tribunal jagħmel referenza għall-artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. F'dan il-każ, jidher illi tali obbligazzjoni hija ta' natura kummerċjali ai termini tal-Artikolu 5 (e) tal-Kodiċi tal-Kummerċ, Kap. 13 tal-Liġijiet ta' Malta, b'dan illi għandu japplika is-sub-artikolu 1 tal-Artikolu 1141 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant, tali imgħax beda jiddekorri mid-data ta' kull fattura rispettiva sad-data tal-ħlas effettiv. Iżda, is-soċjeta' attriċi qed titlob li l-imgħax jibda jiddekorri mill-preżentata ta' din it-talba u ċioe' mit-13 ta' Ottubru 2023, u li jibqa' hekk jiddekorri sad-data tal-ħlas effettiv. B'dan ukoll illi l-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena għandu ikun applikabbli, u dan ai termini tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16

[3] Justin Spagnol [I.D. 562491M] (appellat) Vs Janice Briffa bħala leġittimu rappreżentanta tal-minuri Ruud Buhagiar [I.D. 504772M] (appellanta), 30 Mejju 2017, Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri), Ref.: 1277/2010

tal-Liġijiet ta' Malta. L-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena hu dak l-ammont ipprovdut fil-Kodiċi Ċivili illi għandu japplika peress illi ma hix applikabbli il-leġiżlazzjoni sussidjarja 16.06 f'dan il-każ.

Spejjeż

Dan it-Tribunal innota illi s-soċjeta' attriċi talbet ukoll għall-ispejjeż fl-avviż tat-talba li huma in konnessjoni mal-ittra uffiċjali bin-numru 2605/2022. Biss pero', it-Tribunal ma setax isib kopja ippreżentata fl-atti ta' din l-imsemmija ittra. Iżda, ġjaladarba it-Tribunal qies illi illi l-konvenut hu obbligat li jħallas l-ammont ta' ħames mitt Ewro (Eur 500.00) lis-soċjeta' attriċi, il-konvenut huwa wkoll obbligat li jħallas lis-soċjeta' attriċi anke l-ammont ta' dawn l-ispejjeż, jekk kemm-il darba is-soċjeta' attriċi turi b'mod ċar illi din l-imsemmija ittra uffiċjali intbagħtet lill-konvenut fir-rigward ta' din it-talba u fir-rigward tal-ammont kollu minnha mitlub u ċioe' fir-rigward tal-ħames mitt Ewro (Eur 500.00).

Fir-rigward tal-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma' din it-talba ser ikunu deċiżi fid-***Decide***.

**Decide**

Għaldaqstant, dan it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tas-soċjeta' attrici għall-ammont ta' ħames mitt Ewro (Eur 500.00) rappreżentanti bilanċ mhux imħallas minn ammont dovut bħala prezz ta' servizzi mogħtija mis-soċjeta' attriċi lill-konvenut fuq istruzzjonijiet tal-konvenut stess, bl-imgħax ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mit-13 ta' Ottubru 2023 sad-data tal-pagament effettiv kif ukoll l-ispejjeż in konnessjoni mal-ittra uffiċjali bin-numru 2605/2022 jekk kemm-il darba is-soċjeta' attriċi turi b'mod ċar illi din l-imsemmija ittra uffiċjali intbagħtet lill-konvenut fir-rigward ta' din it-talba u fir-rigward tal-ammont kollu minnha mitlub u ċioe' fir-rigward tal-ħames mitt Ewro (Eur 500.00) u jikkundanna lill-konvenut sabiex iħallas lis-soċjeta' attriċi dan l-imsemmi ammont.

L-ispejjeż ġudizzjarji marbuta ma' dawn il-proċeduri huma kollha a kariku tal-konvenut.

**Avv. Ilona Schembri**
Ġudikatur